TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 22/13-F

**Fr. Glen Buhagiar**

**vs**

**Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd.**

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), rappreżentanti prezz ta' pjaneta li wara li sarilha d-*dry cleaning*, ġarbet il-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa l-pjaneta għal *dry cleaning*, illi din il-pjaneta nxtrat 7 snin ilu għall-prezz ta' mija w għoxrin ewro (€250), u wara li sarilha l-proċess tad-*dry cleaning*, din il-pjaneta ġarbet diversi ħsarat, fosthom illi d-deheb tal-bordura kien telaq u kif ukoll anke telaq id-deheb tal-pendent ta' fuq il-pjaneta.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi huma għamlu d-*dry cleaning* skond il-proċess rakkommandat u li ma kienx it-tort tas-soċjeta' ntimata.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, ukoll kellu l-opportunita' li jara l-pjaneta, fejn ukoll induna li dawn in-nuqqasijiet jeżistu. It-Tribunal, pero' jikkunsidra illi d-*dry cleaners* għandhom ikunu ċerti ta' x'qed jagħmlu u jekk hemm xi dubju ma jagħmlux dan ix-xogħol.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-pjaneta tibqa' propjeta' tar-rikorrenti.

Avv Martin Fenech
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888